SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

19 ta' Ġunju 2015 *

"Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Imparzjalità tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Talba għal rikuża ta' Imħallef — Assenjazzjoni mill-ġdid — Interess tas-servizz — Regola ta' korrispondenza bejn il-grad u l-kariga — Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Proċeduri dixxiplinari — Drittijiet tad-difiża"

Fil-Kawża T-88/13 P,

li għandha bħala suġġett appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tal-5 ta' Diċembru 2012, Z vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (F-88/09 u F-48/10, ĠabraSP, EU:F:2012:171), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza,

Z, residenti fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), irrappreżentata minn F. Rollinger, avukat,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Placco, bħala aġent,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell),

komposta minn M. Jaeger, President, H. Kanninen (Relatur) u D. Gratsias, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

1 Permezz tal-appell tagħha ippreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appellanti titlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tal-5 ta' Diċembru 2012, Z vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (F-88/09 u F-48/10, ĠabraSP, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:F:2012:171), li biha dan ċaħad ir-rikors tagħha li kellu bħala suġġett l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni ewropea, rispettivament, tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-assenjazzjoni mill-ġdid tagħha, u tal-10 ta' Lulju 2009 li imponiet is-sanzjoni tat-twissija bil-miktub.

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

1 — Qed jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat utli għall-pubblikazzjoni.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża jidhru fil-punti 23 sa 66 tas-sentenza appellata fit-termini li ġejjin:

"23 Ir-rikorrenti ġiet reklutata bħala uffiċjal bi prova b'effett mill-1 ta' Settembru 2005 u kienet assenjata, b'effett minn din id-data sal-31 ta' Diċembru 2008, f'waħda mill-unitajiet ta' traduzzjoni tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) 'Traduzzjoni' tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala ġurist lingwista. Hija ġiet stabbilita b'effett mill-1 ta' Ġunju 2006.

24 F'Diċembru 2005, X ġiet reklutata bħala ġurist lingwista fl-istess unità ta' traduzzjoni u fi ħdan l-istess grupp bħall-appellanti, bħala membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt. X hija l-konjuġi ta' W, maħtur wara bħala attaché tar-reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja.

25 Ir-rikorrenti kienet responsabbli għar-reviżjoni ta' parti mit-traduzzjonijiet li twettqu minn X. F'din il-kwalità, tiddikjara li malajr ikkonstatat l-kwalità fqira tat-traduzzjonijiet ta' X, bħan-nuqqas ta' osservanza minnha tal-istruzzjonijiet u tat-termini.

26 Ir-rikorrenti tallega li, ripetutament, hija u wħud mill-kollegi tagħha, inkluż il-kap tal-grupp tagħha, wissew lill-kap tal-unità, Y, dwar l-allegata inkompetenza ta' X. Skont ir-rikorrenti, il-kap tal-unità kien b'mod konsistenti injora l-kritika tax-xogħol ta' X, liema, dejjem fil-fehma tagħha, kienet dovuta lejn ir-relazzjoni ta' ħbiberija li huwa żamm għal żmien twil ma' X. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni professjonali tagħha fi ħdan l-unità kienet iddeterjorat wara li hija esprimiet lill-kap tal-unità tagħha l-insuffiċjenza tas-servizzi ta' X. Min-naħa tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkontesta din il-verżjoni tal-fatti, fost l-oħrajn l-eżistenza ta' kwalunkwe trattament preferenzjali għall-benefiċċju ta' X, kif ukoll in-nuqqas ta' azzjoni tas-superjuri tar-rikorrenti.

27 F'April 2006, seħħ inċident li saħħaħ lir-rikorrenti fil-konvinzjoni tagħha li X kienet tibbenefika minn trattament preferenzjali fi ħdan l-unità. Fil-fatt, wara li r-rikorrenti kkonstatat in-natura inkompleta ta' traduzzjoni mwettqa minn X u talbet lil din tal-aħħar biex tikkompletaha, X indirizzat id-dokument il-ġdid lis-segretarjat bil-kliem 'xogħol imwettaq', minkejja, skont ir-regoli interni tas-servizz, li kellu jiġi rritornat lir-rikorrenti għal reviżjoni mill-ġdid. Sussegwentement, ir-rikorrenti rrapportat l-inċident lil Y, billi talbet li miżuri sodi jkunu adottati fir-rigward ta' X, li dan tal-aħħar irrifjuta li jagħmel.

28 Ir-rikorrenti lmentat lid-direttur li taħtu taqa' l-unità tagħha l-attitudni tal-kap tal-unità tagħha li qieset 'mhux xierqa u ostili'.

29 Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, matul rijunjoni li saret fl-10 ta' Diċembru 2006, id-direttur spjega lir-rikorrenti r-raġunijiet li għalihom X kienet ġiet reklutata. Ir-rikorrenti ssostni li d-Direttur ukoll ammetta matul din ir-rijunjoni li X kellha diffikultajiet ta' relazzjoni mal-membri l-oħra tal-unità u li, fil-passat, kienet weħlet darbtejn fil-kompetizzjonijiet ġenerali organizzati mill-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) għall-karigi ta' ġurist lingwista fil-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkontesta l-veraċità tal-kummenti li r-rikorrenti tattribwixxi lil ex direttur tagħha.

30 Fl-14 ta' Mejju 2007, ir-rikorrenti kkonstatat xi żbalji ta' traduzzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tradotta minn X. Hija infurmat lill-kap tal-unità Y b'dan.

31 Fil-25 ta' Mejju 2007, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2006, ir-rikorrenti ltaqgħet mad-Direttur Ġenerali tad-DG 'Traduzzjoni', fil-kwalità ta' evalwatur tal-appell. Skont ir-rikorrenti, kienet esprimiet lilu d-diffikultajiet li kienet tiltaqa' magħhom minħabba trattament preferenzjali rriżervat mill-kap tal-unità, Y, lil membru tal-grupp tagħha, mingħajr madankollu ma ssemmi lil X. Skont ir-rikorrenti, id-Direttur Ġenerali kien immedjatament irrabbjat ħafna u ppropona l-organizzazzjoni ta' verifika interna, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-applikazzjoni

għall-kariga ta' ġurist lingwista tal-persuna li kellha dubji dwarha kienet is-suġġett ta' trattament preferenzjali. Skont ir-rikorrenti, wara li sar jaf li kien jirrigwarda X, il-konjuġi tal-Attaché tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-direttur ġenerali ssuġġerilha li tbiddel id-Direttorat Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkontesta l-veraċità tal-kummenti li r-rikorrenti tattribwixxi lid-Direttur Ġenerali.

32 Ir-rikorrenti tiddikjara li wissiet lis-superjuri tagħha fuq it-trattament preferenzjali li minnu kienet ibbenefikat X min-naħa tal-kap tal-unità tagħha, f'ittra elettronika tat-23 ta' Novembru 2007, f'nota indirizzata fl-okkażjoni tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2007 u, fl-aħħar nett, f'ittra elettronika indirizzata fost l-oħrajn lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Novembru 2008.

33 Sadanittant, fl-10 ta' Lulju 2008, il-kap tal-unità, Y, ħa d-deċiżjoni li jassenja r-rikorrenti fi grupp ieħor fi ħdan l-unità, minħabba li din kellha relazzjonijiet ta' kunflitt mal-kap tal-grupp tagħha. Skont ir-rikorrenti, kien hemm lok li tiġi ddubitata l-veraċità ta' din ir-raġuni, għaliex, minn naħa, l-imsemmi kap tal-grupp kien wasal biex jiġi trasferit għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, dan kien injora r-raġunijiet li għalihom ir-relazzjoni tiegħu magħha setgħet tiġi kklassifikata bħala ta' kunflitt sakemm ma kkonsulta huwa stess il-kap tal-unità. Madankollu, ir-rikorrenti ma ressqitx ilment kontra din id-deċiżjoni li jinbidillha l-grupp.

34 Fil-bidu tax-xahar ta' Settembru 2008, ir-rikorrenti appellat għas-servizzi ta' wieħed mill-konsulenti fil-qasam tal-fastidju psikoloġiku stabbiliti mill-[komunikazzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-20 ta' Novembru 2006, fuq ir-rispett tad-dinjità tal-persuna].

35 F'Novembru 2008, ġiet proposta lir-rikorrenti ċirkulazzjoni elettronika, u mhux iktar fiżika, tad-dokumenti tagħha tax-xogħol.

36 Fid-9 ta' Diċembru 2008, peress li qieset lilha nfisha imbuttata lejn il-limitu mill-allegat fastidju psikoloġiku tal-kap tagħha tal-unità, ir-rikorrenti indirizzat lill-membri kollha tal-unità tagħha ittra elettronika, skont liema, fil-verżjoni Franċiża pprovduta mir-rikorrenti:

'Għeżież kollegi, jiena mhux ser inkun iktar magħkom minn għada u tirrigwarda deċiżjoni meqjusa wkoll ta' affarijiet, li, madankollu, teħtieġ xi spjegazzjoni għal dawk li ma humiex konxji, b'mod li ħadd ma jirriskja li jħoss ruħu offiż.

Fil-fatt, kif il-maġġoranza fostkom setgħet tara, l-attitudni tal-kap tal-unità lejja saret partikolarment ostili, u xi kultant pjuttost nieqsa mill-korteżija, u jien qed nuri ħafna tattika f'din il-kwalifika (tal-attitudni tiegħu), hekk kif attirajt l-attenzjoni fuq il-fatt li l-inkapaċità tiegħu li jissepara r-relazzjonijiet soċjali u professjonali kellha influwenza negattiva ħafna fuq il-funzjonament tal-unità u l-kundizzjonijiet ta' xogħol tar-reviżuri, li ġew iffaċċjati fil-kuntest tax-xogħol tagħhom għal konoxxenza ta' żmien fit-tul tal-kap tal-unità, li kiseb kuntratti ta' membru tal-persunal temporanju matul kważi sentejn fis-servizz tagħna.

Jiena miniex waħdi li ġejt imfixkla minn din is-sitwazzjoni iżda apparentement kont l-unika li ażżardajt nesprimi ċarament dak li naħseb, u b'mod partikolari dak li kien jirrigwarda manifestazzjoni ta' diżrispett fir-rigward ta' persuni oħrajn li jaħdmu fl-unità tagħna għaliex trattament privileġġjat tal-konoxxenzi seħħet sfortunatament għad-detriment tal-oħrajn, dawk li wasslu hawn wara l-ħruġ ta' kompetizzjoni EPSO jew fuq il-bażi tal-għarfien tagħhom stess u l-ħiliet tagħhom, mingħajr ma kellhom relazzjonijiet ta' ħbiberija, familjari u oħrajn fil-Qorti.

Huwa ovvju li l-vendetta kienet u tibqa' brutali, li taffettwa l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħi. Madankollu nqis li valuri bħall-onestà, id-deċenza u d-dinjità huma ferm aktar importanti minn, pereżempju, nofs punt ta' promozzjoni. Ebda pożizzjoni okkupata ma tawtorizza lil xi ħadd li jitratta

lill-oħrajn b'mod inkorrett jew arroganti, fuq kollox għar-raġunijiet purament personali li kull wieħed fostkom, li jaf is-sitwazzjoni li seħħet fl-unità tagħna minn Diċembru 2005 sa Ġunju 2007 jista' jevalwa huwa stess.

Lil dawk li rripetewli li wieħed ma jista' jagħmel xejn quddiem persuni magħquda permezz ta' relazzjonijiet u li xejn mhu ser jinbidel hawnhekk, l-aħbar it-tajba hija li, għall-kuntrarju, ħafna diġà nbidel u ser jinbidel iżjed dalwaqt. L-aħjar prova hija li fil-preżent huma reklutati fl-unità tagħna kandidati ta' suċċess fil-kompetizzjoni EPSO jew dawk li ma jqajmux l-iċken dubju li dawn kienu reklutati fuq il-bażi tal-valur intrinsiku tagħhom u mhux pereżempju skont min jafu u minn kemm żmien.

Lil dawk li xejn ma jista' jaqtalhom l-aptit, nixtieq 'aptit tajjeb!'

[…]

P.S. Nixtieq nirringrazzja lil dawk fostkom li vvutawli fl-elezzjonijiet għall-[kumitat tal-persunal] (kważi 350 vot, huwa riżultat tajjeb ħafna) u għall-ittri u l-espressjonijiet l-oħra ta' sostenn li rċevejt. Hija xorta waħda esperjenza kostruttiva li grupp ta' persuni hekk numeruż li jqiesu wkoll li ħafna affarijiet għandhom jitbidlu mhux biss fl-unità tagħna, iżda wkoll fl-[i]stituzzjoni. Fil-preżent, l-opportunitajiet ta' suċċess huma ħafna aħjar minn qabel.'

37 Permezz ta' ittra elettronika tal-istess jum indirizzata lid-Direttur mill-ġdid responsabbli għall-unità tiegħu, b'kopja lid-Direttur Ġenerali tad-DG 'Traduzzjoni', ir-rikorrenti talbet laqgħa dwar il-fastidju psikoloġiku li hija l-vittma tagħha.

38 Fl-10 ta' Diċembru 2008, ir-rikorrenti bagħtet ittra elettronika oħra […] lill-kap tal-unità tagħha, Y, kif ukoll lill-membri tal-unità kollha, li t-traduzzjoni bil-franċiż provduta mir-rikorrenti tinqara kif ġej:

'Bonġu,

Is-superjuri tiegħek huma perfettament konxji tal-każ minn żmien twil u [d-Direttur Ġenerali] kien tal-fehma li l-kwistjoni ta' kuntratti mogħtija lil wieħed mill-konoxxenzi tiegħek għandha tkun soġġetta għal verifika interna tal-Qorti. Attwalment, qed isiru kjarifiki biex wieħed jara għalfejn il-verifika ma saritx f'waqtha u min huwa responsabbli ta' din in-negliġenza.

Billi tindirizzali theddid ma jbiddilx il-fatti u [d-Direttur mill-ġdid responsabbli għall-unità] diġa ddeċieda minn qabel li jiddedika ż-żmien kollu neċessarju għal laqgħa dwar l-aġir tiegħek mhux xieraq fil-kuntest tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħek, għaliex l-ex Direttur […] injora din il-problema għal żmien twil wisq u jidher li dan barra minn hekk ser jinbidel.'

1. Id-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid tat-18 ta' Diċembru 2008

39 It-trażmissjoni ta' żewġ ittri elettroniċi tad-9 u tal-10 ta' Diċembru 2008 lill-membri kollha tal-unità tal-assenjazzjoni tar-rikorrenti kellha bħala l-ewwel konsegwenza l-adozzjoni mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kwalità tiegħu ta' Awtorità tal-Ħatra, tad-deċiżjoni, tat-18 ta' Diċembru 2008, li biha pproċeda għat-trasferiment tal-impjieg tar-rikorrenti, li, fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal [tal-Unjoni Ewropea], ġiet ittrasferita mill-impjieg tagħha lid-Direttorat tal-Biblijoteka, b'effett mill-1 ta' Jannar 2009 […]. Fil-memorandum tan-notifika tad-deċiżjoni, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal u tal-Finanzi tal-Qorti tal-Ġustizzja jindika li dan 'huwa motivat mill-bżonn li jiġi żgurat il-funzjonament it-tajjeb tal-unità [tagħkom],

li sabet ruħha kompromessa wara l-ittri elettroniċi li kienu jirrigwardaw akkużi serji kontra s-superjuri tagħkom, li intkom bgħattu lil kontributuri kollha tal-unità fid-9 u l-10 ta' Diċembru 2008'.

40 Fit-2 ta' April 2009, ir-rikorrenti ressqet ilment, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal [tal-Unjoni Ewropea], li bih kienet qed titlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2008, kif ukoll kumpens għad-danni morali tagħha, evalwati f'EUR 30 000. […]

42 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2009, innotifikata fit-13 ta' Lulju 2009, il-kumitat responsabbli tal-ilmenti ċaħad l-ilment tat-2 ta' April 2009.

2. Id-deċiżjoni li tirrigwarda sanzjoni dixxiplinari tal-10 ta' Lulju 2009

43 It-tieni konsegwenza tat-trażmissjoni tal-ittri elettroniċi tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2008 kienet it-trażmissjoni, fid-19 ta' Diċembru 2008, lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kwalità tiegħu tal-Awtorità tal-Ħatra, mid-DG 'Traduzzjoni', ta' nota li biha dan tal-aħħar kien qed jitlob li tinbeda proċedura dixxiplinari kontra r-rikorrenti (iktar 'il quddiem in'nota fil-proċess') […]

44 Permezz ta' memorandum tat-12 ta' Jannar 2009, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja kkomunika in-nota fil-proċess lir-rikorrenti, li magħha kienet annessa traduzzjoni bil-Franċiż taż-żewġ ittri elettroniċi tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2008, u sejħilha, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal [tal-Unjoni Ewropea] għal smigħ. Din tal-aħħar seħħet, fit-28 ta' Jannar 2009, fil-preżenza tad-Direttur tar-Riżorsi Umani u tal-Amministrazzjoni tal-persunal tad-DG 'Persunal u Finanzi' tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kien responsabbli li jistabbilixxi proċess verbali. Matul dan is-smigħ, ir-rikorrenti talbet u kisbet li tkun tista' tippreżenta bil-miktub osservazzjonijiet addizjonali għall-ewwel osservazzjonijiet li kellha opportunità tifformula wara l-istabbiliment tal-proċess verbali.

45 Fit-3 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti rċeviet komunikazzjoni tal-abbozz tal-proċess verbali tas-smigħ tat-28 ta' Jannar 2009 u, fid-9 ta' Frar wara, ikkomunikat l-ewwel osservazzjonijiet tagħha fuq dan l-abbozz tal-Awtorità tal-Ħatra.

46 Fis-27 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti ppreżentat xi osservazzjonijiet addizzjonali, li fihom argumentat li l-proċedura li nbdiet kontriha kienet irregolari.

47 Fit-12 ta' Marzu 2009, ir-rikorrenti rċeviet, għall-firma, il-verżjoni finali tal-proċess verbali tas-smigħ. Hija bagħtet lura d-dokument mhux iffirmat billi argumentat li ma kienx jirrifletti l-osservazzjonijiet kollha li kienet ifformulat.

48 Permezz ta' memorandum tal-1 ta' April 2009, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja informa lir-rikorrenti li, fid-dawl tan-natura skorretta tat-trażmissjoni tal-ittri elettroniċi tad-9 u tal-10 ta' Diċembru 2008, kien iddeċieda li jiftaħ il-proċedura dixxiplinari prevista fl-Artikolu 11 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal [tal-Unjoni Ewropea], 'bil-għan li jimponi s-sanzjoni ta' twissija bil-miktub jew ta' twiddiba mingħajr konsultazzjoni lill-Bord tad-Dixxiplina'. Barra minn hekk, huwa speċifika li qabel ma tittieħed pożizzjoni fuq il-klassifikazzjoni li għandha tingħata lill-aġir tar-rikorrenti u fuq is-sanzjoni possibbli li għandha tiġi imposta, kien ser ikun organizzat it-tieni smigħ skont l-Artikolu 11.

49 It-tieni smigħ tar-rikorrenti mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja seħħ fit-8 ta' Mejju 2009 […]
[…]

54 [F]l-10 ta' Lulju 2009, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kwalità tiegħu tal-Awtorità tal-Ħatra, kien ħa d-deċiżjoni li jimponi fuq ir-rikorrenti s-sanzjoni ta' twissija bil-miktub, minħabba li kienet 'ippreġudikat id-dinjità tal-kariga tagħha, bi ksur tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal [tal-Unjoni Ewropea], billi ttrażmettiet, lill-membri kollha tal-[unità tagħha], l-ittri elettroniċi tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2008' (iktar 'il quddiem is-'sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009'). […]

59 Permezz ta' ittra tal-10 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti ressqet ilment, bis-saħħa tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal [tal-Unjoni Ewropea], kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009 […] […]

61 Permezz ta' ittra tat-22 ta' Jannar 2010 […] ir-rikorrenti ssejħet għal smigħ quddiem il-kumitat responsabbli tal-ilmenti ffissat għad-9 ta' Frar 2010. […]

65 Permezz ta' ittra tad-19 ta' Frar 2010 indirizzata lill-[kumitat responsabbli tal-ilmenti], ir-rikorrenti [indikat] li, fil-fehma tagħha, il-kumitat responsabbli tal-ilmenti ma kellux kompetenza biex jieħu deċiżjoni fuq l-ilment tagħha.

66 Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Marzu 2010, innotifikata fil-15 ta' Marzu ta' wara, il-kumitat responsabbli tal-ilmenti ċaħad l-ilment imressaq kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009."

Il-proċedura fl-ewwel istanza *[omissis]*

5 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fit-22 ta' Ġunju 2010, ir-rikorrenti ppreżentat rikors, li ġie rreġistrat taħt ir-riferiment F-48/10 (iktar 'il quddiem ir-"Rikors F-48/10"), li huwa intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tal-10 ta' Lulju 2009 li imponiet is-sanzjoni tat-twissija bil-miktub (iktar 'il quddiem is-"sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009") kif ukoll, sakemm hemm bżonn, tad-deċiżjoni li tirrigwarda ċ-ċaħda tal-ilment imressaq kontra din is-sanzjoni u, min-naħa l-oħra, għall-kundanna tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ħlas ta' somma ta' EUR 50 000 fuq il-bażi tal-kumpens għad-danni morali.

6 Fid-difiża, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet b'mod partikolari ċ-ċaħda tar-rikors F-48/10.

[omissis]

11 Fil-ftuħ tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2012, ir-rikorrenti ressqet talba speċifika għall-iskwalifika li tindika l-imħallef relatur, li sar, mill-ittra ċċitata fil-punt 7 iktar 'il fuq, President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u President tat-Tielet Awla, Kulleġġ Ġudikanti li lilu ġew attribwiti l-kawżi inkwistjoni, minħabba apparenza ta' nuqqas ta' integrità, ta' imparzjalità u ta' indipendenza. F'din it-talba, kien indikat, fost l-allegazzjonijiet li jikkonċernaw il-parzjalità tal-imħallef relatur ibbażati fuq il-fatt li dan kien, fil-kwalità tiegħu ta' President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, żamm l-eżistenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li jgħid "l-istess għall-membri [tal-imsemmi Tribunal] li [kienu] aċċettaw li jsiru membri tal-imsemmi kumitat, l-imparzjalità tagħhom li kienet f'dan ir-rigward oġġettivament kompromessa".

12 Wara t-talba ta' skwalifika fformulata mir-rikorrenti fil-bidu tas-seduta, il-Qorti Ġenerali ssospenda l-proċeduri.

13 Permezz ta' ittra tas-6 ta' Frar 2012, ir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku trażmetta, għall-osservazzjonijiet eventwali, it-talba ta' skwalifika lill-Qorti tal-Ġustizzja, li, permezz ta' ittra li waslet fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-17 ta' Frar 2012, indikat li ma kellhiex osservazzjonijiet x'tippreżenta u li tistrieħ fuq l-għerf tal-imsemmi Tribunal. Permezz ta' deċiżjoni

motivata tad-29 ta' Marzu 2012, il-President tat-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad it-talba tal-iskwalifika li tikkonċerna kemm l-imħallef relatur kif ukoll iż-żewġ imħallfin li servew fil-kumitat responsabbli tal-ilmenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

14 Permezz ta' ittra tar-Reġistru tal-4 ta' April 2012, il-partijiet issejħu għal seduta ġdida li seħħet fl-10 ta' Mejju 2012.

15 Fil-5 ta' Diċembru 2012, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (it-Tielet Awla) iddeċieda s-sentenza appellata.

[omissis]

Is-sentenza appellata *[omissis]*

Fuq ir-rikors F-48/10

28 Insostenn tat-talbiet tagħha fl-annullament, ir-rikorrenti invokat sitt motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti u tal-illegalità tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-4 ta' Mejju 2004 dwar l-eżerċizzju tas-setgħat iddelegati permezz tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea lill-Awtorità tal-Ħatra kif ukoll mill-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004"), it-tieni, fuq l-irregolarità tal-proċedura dixxiplinari, għal ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' kontradittorju, kif ukoll tal-Artikoli 1 sa 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tielet, fuq il-ksur tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), kif ukoll fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, ir-raba', fuq l-eżistenza ta' kunflitt ta' interess fil-kap tal-Awtorità tal-Ħatra, fuq ksur tal-Artikoli 2 u 10 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Artikolu 8 tal-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll tal-prinċipji ġenerali ta' oġġettività, ta' imparzjalità u ta' indipendenza, il-ħames, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju tal-opportunitajiet ugwali għall-partijiet u, is-sitt wieħed, fuq l-eżistenza ta' abbuż u fuq użu ħażin ta' poter, kif ukoll fuq il-ksur tal-prinċipji ta' premura u ta' amministrazzjoni tajba.

29 Permezz tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad dawn il-motivi kollha.

[omissis]

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u t-talbiet tal-partijiet

32 Permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Frar 2013, l-appellanti ppreżentat dan l-appell.

33 Permezz ta' ittra ppreżentata lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Frar 2013, l-appellanti ressqet talba intiża li tikseb l-anonimat, li l-President tal-Bord tal-Appell laqa' permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013.

34 Fil-19 ta' Settembru 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat ir-risposta tagħha. Il-proċedura bil-miktub ingħalqet fid-2 ta' Diċembru 2013.

35 Fuq ir-rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Awla tal-Appell) ikkonstatat li ebda talba għal seduta ma kienet ġiet ippreżentata mill-partijiet fi żmien xahar mid-data li fiha ġew innotifikati bl-għeluq tal-proċedura bil-miktub u ddeċidiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 146 tar-Regoli tal-Proċedura, li tagħti deċiżjoni mingħajr ma tgħaddi għall-fażi orali tal-proċedura.

36 L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tilqa' t-talbiet tagħha fl-ewwel istanzi fil-Kawżi F-88/09 u F-48/10;

— tikkundanna lil Qorti tal-Ġustizzja għall-ispejjeż sostnuti minnha fl-ewwel istanza u fil-kuntest ta' dan l-appell.

37 Il-Qorti tal-Ġustizzja titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad l-appell;

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

38 In sostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka ħdax-il aggravju. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-assenza ta' imparzjalità tat-Tielet Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tad-dritt għal rikors effettiv sa fejn l-istħarriġ tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li jirrigwarda l-osservanza tal-kundizzjoni relatata mal-interess tas-servizz, prevista fl-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, hija limitata. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-President tat-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku biex jieħu deċiżjoni fuq it-talba tal-iskwalifika tal-25 ta' Jannar 2012. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq sa fejn ir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma jippreveduxx il-possibbiltà li jiġi ppreżentat appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għall-iskwalifika ta' imħallef. Il-ħames aggravju huwa bbażat, minn naħa, fuq il-ksur tal-obbligu li tiġi stabbilita l-verità materjali tal-motivazzjonijiet wara d-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid tas-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009 u, min-naħa l-oħra, żnaturament tal-fatti. Is-sitt aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ħa deċiżjoni, bi żball, li d-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid kienet ġiet adottata bl-interess biss tas-servizz fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal. Is-seba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sa fejn ħa deċiżjoni, bi żball, li l-Awtorità tal-Ħatra kienet osservat ir-regola tal-korrispondenza bejn il-grad u l-impjieg. It-tmien aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ. Id-disa' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ħa deċiżjoni, bi żball, li t-talbiet għall-kumpens għad-danni allegatament subiti minħabba x-xandir lill-persunal kollu tad-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid kienu inammissibbli. L-għaxar aggravju huwa bbażat, minn naħa, fuq żball ta' liġi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sa fejn ħa d-deċiżjoni li l-kumitat responsabbli tal-ilmenti, li ċaħad l-ilment imressaq kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009, kellu kompetenza u, min-naħa l-oħra, tan-nuqqas li tittieħed deċiżjoni fuq il-motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004. Il-ħdax-il aggravju huwa bbażat, fuq naħa, fuq żball ta' liġi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sa fejn ħa d-deċiżjoni, bi żball, li l-Awtorità tal-Ħatra kienet osservat l-Artikoli 1 sa 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u, min-naħa l-oħra, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' kontradittorju.

[omissis]

Fuq l-aggravji relatati mar-rikors F-48/10

Fuq l-għaxar aggravju bbażat, minn naħa, fuq żball ta' liġi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sa fejn ħa d-deċiżjoni li l-kumitat responsabbli tal-ilmenti, li ċaħad l-ilment imressaq kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009, kellu kompetenza u, min-naħa l-oħra, tan-nuqqas li tittieħed deċiżjoni fuq il-motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004.

138 L-appellanti tikkritika l-punti 226 sa 228 tas-sentenza appellata li bihom it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad bħala ineffettiv il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti, minħabba d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment imressaq kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009, peress li kien att ta' konferma nieqes minn kontenut awtonomu, l-annullament tiegħu ma kienx jista' jeżerċita influwenza fuq il-legalità tas-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009. Fil-fehma tagħha, dan ir-raġunament tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma setax jistrieħ fuq l-eżistenza ta' deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment adottat minn korp mingħajr kompetenza.

139 Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkontesta l-argumentazzjoni tal-appellanti.

140 Fl-ewwel istanzi, ir-rikorrenti talbet l-annullament tas-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009 u, sakemm kien hemm bżonn, għall-annullament tad-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment imressaq kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009 (sentenza appellata, punt 69).

141 Skont ġurisprudenza stabbilita, kull deċiżjoni ta' ċaħda ta' lment, kemm jekk hija impliċita jew espliċita, jekk hija pura u sempliċi, tikkonferma biss l-att jew l-ommissjoni li tiegħu l-attur jilmenta u ma tikkostitwixxix, meħud waħedha, att li jista' jiġi kkontestat, b'mod li t-talbiet imressqin kontra din id-deċiżjoni mingħajr kontenut awtonomu meta mqabbla mad-deċiżjoni inizjali għandhom jiġu kkunsidrati bħala mressqin kontra l-att inizjali (digriet tas-16 ta' Ġunju 1988, Progoulis vs Il-Kummissjoni, 371/87, Ġabra, EU:C:1988:317, punt 17 u s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2004, Di Marzio vs Il-Kummissjoni, T-14/03, ĠabraSP, EU:T:2004:59, punt 54). Deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment hija att ta' konferma, nieqsa minn kontenut awtonomu, meta ma tinkludix eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tal-attur li jilmenta abbażi ta' punti ġodda ta' dritt jew ta' fatt [sentenzi tal-21 ta' Settembru 2011, Adjemian *et* vs Il-Kummissjoni, T-325/09 P, Ġabra, EU:T:2011:506, punt 32, u tal-21 ta' Mejju 2014, Mocová vs Il--Kummissjoni, T-347/12 P, Ġabra (Estratti), EU:T:2014:268, punt 34].

142 Fuq il-bażi tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 141 iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata, fil-punt 227 tas-sentenza appellata, li l-amministrazzjoni ma kinitx wettqet eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti skont punti ġodda ta' dritt jew ta' fatt, b'mod li d-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment għandha tiġi kkunsidrata bħala purament ta' konferma tas-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009. Huwa kkonkluda li l-annullament tad-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment ma kienx jista' jeżerċita influwenza fuq il-legalità tas-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009, b'mod li l-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti, li jipprevedi li d-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment tkun annullata, għandha tiċċaħħad bħala ineffettiva.

143 Għandu jiġi rrilevat, madankollu, li, permezz tal-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat tal-ilmenti, invokat mir-rikorrenti fl-ewwel istanzi, din kienet qed tikkontesta l-kompożizzjoni tal-imsemmi kumitat li kien ċaħad l-ilment tagħha mressaq kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009. Għalhekk, dan il-motiv kien ittratta l-kwistjoni jekk l-eżami tal-ilment tar-rikorrenti kien is-suġġett ta' proċedura regolari li setgħet twassal għal deċiżjoni differenti minn dik tas-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kienet tippossjedi interess reali u distint li titlob l-annullament tad-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment, u mhux biss l-annullament tas-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009.

144 Fil-fatt, għalkemm kienet saret applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 141 iktar ’il fuq, mingħajr rigward tal-fatt li l-aggravju inkwistjoni huwa relatat mal-proċedura amministrattiva tal-ilment huwa stess u mhux mal-att inizjali li huwa s-suġġett ta’ lment, kull possibbiltà ta’ kontestazzjoni li kienet ittrattata fil-proċedura prekontenzjuża hija eskluża, li b’hekk telfet lill-attur tal-ilment il-benefiċċju ta’ proċedura li għandha bħala għan li tippermetti u tiffavorixxi ftehim bonarju tat-tilwima li tkun qamet bejn l-uffiċjal u l-amministrazzjoni u timponi fuq l-Awtorità li minnha jiddependi l-uffiċjal li teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha, fl-osservanza tar-regoli, fid-dawl tal-oġġezzjonijiet eventwali tagħha (ara, f’dan is-sens, is-sentenza Mocová vs Il-Kummissjoni, punt 141 iktar ’il fuq, EU:T:2014:268, punt 38).

145 F’dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat bħala infondat l-argument tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-appellanti ma kellhiex interess li titlob l-annullament tad-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment wara li ppreżentat appell b’annullament tal-att inizjali, billi anki jekk il-proċedura tal-ilment hija irregolari, huwa inutli li l-amministrazzjoni tieħu deċiżjoni ġdida fuq l-ilment sa fejn l-appellanti talbet lill-qorti biex tannulla hija stess l-att inizjali. Bil-kontra għal dak li targumenta l-Qorti tal-Ġustizzja, l-interess tal-attur tal-ilment li l-proċedura tal-ilment titmexxa b’mod regolari u, għaldaqstant, li d-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment tagħha tkun annullata f’każ ta’ irregolarità, għandha tiġi evalwata b’mod awtonomu u mhux b’rabta mal-eventwali appell ippreżentat kontra l-att inizjali, suġġett tal-ilment. Kieku kien mod ieħor, il-persuna kkonċernata ma tista’ qatt targumenta fuq l-irregolaritajiet tal-proċedura ta’ lment, peress li tkun ċaħditha għaldaqstant mill-benefiċċju ta’ eżami mill-ġdid prekontenzjuża regolari tad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni, kull darba li appell kontenzjuż huwa ppreżentat kontra l-att inizjali li kontrih jitressaq l-ilment.

146 Minn dan jirriżulta li, fid-dawl tas-suġġett tal-aggravju inkwistjoni, li huwa relatat mal-proċedura ta’ lment, l-appellanti għandha tkun tista’ tistaqsi lill-qorti tal-Unjoni li tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni li tirrigwarda ċaħda tal-ilment u mhux biss dik tas-sanzjoni tal-10 ta’ Lulju 2009.

147 Għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li t-Tribunal tas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta’ liġi billi ċaħad il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta’ kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti bħala ineffettiv.

148 Għalhekk, l-għaxar aggravju għandu jiġi milqugħ.

[omissis]

162 Konsegwentement mill-argumenti kollha preċedenti għandu jintlaqa’ parzjalment l-appell u tiġi annullata s-sentenza appellata sa fejn hija vvizzjata minn żball ta’ liġi kkonstatata fil-punti 140 sa 147 iktar ’il fuq.

Fuq ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza

163 Skont l-Artikolu 13(1) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti Ġenerali għandha tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u tiddeċiedi l-kawża hija stess. Madankollu, jekk il-kawża tkun f’punt fejn għad ma tistax tinqata’, il-Qorti Ġenerali għandha tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku biex tingħata deċiżjoni.

164 F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tiddisponi mill-elementi neċessarji biex tagħti deċiżjoni fuq ir-rikors tal-ewwel istanza.

165 Fid-dawl tal-fatt li l-appell huwa milqugħ biss parzjalment u li s-sentenza appellata hija annullata biss sa fejn hija vvizzjata minn żball ta’ liġi identifikat fil-punti 140 sa 147 iktar ’il fuq, għandu jiġi kkonstatat li l-evalwazzjonijiet l-oħra tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, mhux ivvizzjati

mill-imsemmi żball, saru definittivi. Għaldaqstant huwa l-obbligu tal-Qorti Ġenerali li teżamina biss il-motiv invokat mir-rikorrenti fil-Kawża F-48/10, ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti u tal-illegalità tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004.

166 Quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, ir-rikorrenti sostniet li l-kumitat responsabbli tal-ilmenti, responsabbli li jeżamina l-ilment tagħha mressqa kontra s-sanzjoni tal-10 ta' Lulju 2009, kompost minn imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja u minn żewġ avukati ġenerali, kien ikkostitwit irregolarment. F'dan ir-rigward, hija targumenta, l-ewwel nett, li l-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li "[l]-Imħallfin ma' jistgħu ikollhom ebda kariga politika jew amministrattiva". It-tieni nett, kienet qed tinvoka l-Artikolu 12 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li minnu jirriżulta li l-uffiċjali u impjegati oħra mal-Qorti tal-Ġustizzja "għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tar-Reġistratur taħt l-awtorità tal-President", b'mod li huma biss ir-Reġistratur u l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja li jistgħu jaġixxu fil-kwalità tal-Awtorità tal-Ħatra. It-tielet nett, hija kienet qed tallega li l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004, li jipprovdi li "il-kumitat responsabbli tal-ilmenti jeżerċita s-setgħat devoluti mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra" fir-rigward tad-deċiżjonijiet fuq l-ilmenti, kien imur kontra l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal li jipprovdi li kull istituzzjoni tiddetermina l-awtoritajiet li jeżerċitaw fi ħdanha s-setgħat devoluti mill-imsemmija Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra, moqrija flimkien mal-Artikoli 4 u 12 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, hija kienet qed issostni li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermettix la lir-Reġistratur u lanqas lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja li jiddelega s-setgħat tal-Awtorità tal-Ħatra li ngħataw lilhom.

167 Qabelxejn għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti sempliċement tfakkar il-kontenut tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li jipprovdi li "[l]-Imħallfin ma' jistgħu ikollhom ebda kariga politika jew amministrattiva" u li tiddikjara li, bl-eċċezzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imħallfin u l-avukati ġenerali l-oħra ma jistgħu jeżerċitaw l-ebda funzjoni amministrattiva u, fost oħrajn, jaġixxu fil-kwalità ta' Awtorità tal-Ħatra fil-kuntest ta' kumitat responsabbli tal-ilmenti. Ebda argumentazzjoni legali ma sostniet din id-dikjarazzjoni. Madankollu, kif argumentat il-Qorti tal-Ġustizzja quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, din id-dispożizzjoni intiża li tiżgura l-indipendenza tal-imħallfin, kemm matul kif ukoll wara l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, fid-dawl fost oħrajn tal-Istati Membri jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni. Il-paragrafi l-oħrajn tal-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jittraduċu wkoll din l-intenzjoni li tiġi ppriżervata l-indipendenza tal-imħallfin. L-appellanti, madankollu, ma tistax tiddeduċi mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, impossibbiltà li jiġu eżerċitati funzjonijiet relatati mal-amministrazzjoni interna tal-istituzzjoni. Kif irrilevat, ġustament, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kitbiet tagħha quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, l-eżerċizzju mill-imħallfin tal-funzjonijiet amministrattivi interni għall-istituzzjoni ma jagħmel ebda dannu għall-indipendenza tagħhom u jippermetti li tiġi żgurata l-awtonomija amministrattiva tal-istituzzjoni.

168 Barra minn hekk, l-appellanti sempliċement tgħid li, fid-dawl tal-Artikolu 12 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jipprovdi li l-uffiċjali u impjegati oħra mal-Qorti tal-Ġustizzja "għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tar-Reġistratur taħt l-awtorità tal-President", huma biss ir-Reġistratur u l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja li jistgħu jeżerċitaw is-setgħat devoluti mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra. Hija ma turi lanqas il-kompatibbiltà tal-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 12 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala li tirriżerva lir-Reġistratur u lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja l-eżerċizzju tas-setgħat devoluti lill-Awtorità tal-Ħatra, mal-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal li jipprovdi li kull istituzzjoni tiddetermina l-awtoritajiet li jeżerċitaw fi ħdanha s-setgħet devoluti mill-imsemmija Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra. Hija sempliċement tiddikjara, fil-fatt, li l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jista' biss, fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja, jinqara flimkien mal-Artikoli 4 u 12 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

169 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti ma tistax issostni validament, mingħajr iktar dimostrazzjoni insostenn, li l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004, li jipprovdi li l-kumitat responsabbli tal-ilmenti jeżerċita s-setgħat devoluti mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra fir-rigward tad-deċiżjonijiet fuq l-ilmenti, kien imur kontra l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal moqrija flimkien mal-Artikoli 4 u 12 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

170 Minn dan jirriżulta li l-motiv tal-ewwel istanzi bbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti u tal-illegalità tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004, invokat mir-rikorrenti fil-Kawża F-48/10, għandu jiġi miċħud. Għaldaqstant, ir-rikors F-48/10 għandu jiġi miċħud f'dan ir-rigward.

[omissis]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), Z vs Qorti tal-Ġustizzja (F-88/09 u F-48/10, ĠabraSP, EU:F:2012:171), hija annullata sa fejn ċaħdet bħala ineffettiv il-motiv, ippreżentat fil-Kawża F-48/10, ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti u tal-illegalità tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-4 ta' Mejju 2004 dwar l-eżerċizzju tas-setgħat iddelegati permezz tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea lill-Awtorità tal-Ħatra kif ukoll mill-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ.

2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.

3) Ir-rikors fil-Kawża F-48/10 huwa miċħud sa fejn kien fondat fuq il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-kumitat responsabbli tal-ilmenti u tal-illegalità tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-4 ta' Mejju 2004 dwar l-eżerċizzju tas-setgħat iddelegati permezz tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea lill-Awtorità tal-Ħatra kif ukoll mill-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ.

4) Fir-rigward tal-ispejjeż relatati ma' din l-istanza, Z għandha tbati tliet kwarti mill-ispejjeż sostnuti mill-Qorti tal-Ġustizzja u tliet kwarti tal-ispejjeż tagħha u l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tbati kwart tal-ispejjeż tagħha u kwart tal-ispejjeż sostnuti minn Z.

Jaeger Kanninen Gratsias

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-19 ta' Ġunju 2015.

Firem